MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 552/2008

**Perit Lawrence (ID370741M) u Agnes (ID233044M)**
**konjugi Gatt**
**Vs**
**Gaetano Falzon**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-atturi fit-30 ta' Mejju, 2008, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi in forza ta' skrittura ta' kera ta' l-1 ta' Ottubru, 2003, (hawn anness u mmarkat Dok. LG 1) il-Perit Lawrence Gatt ikkonceda t-titolu ta' kera a favur Gaetano Falzon hanut ossia bar and restaurant bl-isem Chez Gaetaine, numru 79, fi Triq Sant'Antnin, Bugibba, San Pawl il-Bahar, ghal perijodu ta' hames snin bil-kera ta' Lm7,000 ekwivalenti ghal €16,310 pagabbli kull xahar bil-quddiem;

Illi ai termini ta' l-Artiklu 6 ta' l-istess skrittura, jekk il-kerrej jibqa' Iura mill-hlas ta' l-istess kera ghal pagament wiehed, u jghaddi xahar minn meta s-sid ikun innotifika anki b'ittra registrata, il-lokazzjoni tigi terminate ipso facto u dan minghajr pregudizzju ghas-sid Ii jkollu d-dritt jitlob il-hlas ta' l-istess kera b'lura oltre' imghaxx bid-9% jew skond kemm ikunu l-interessi tal-Bank;

Illi permezz ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (hawn annessa u mmarkata Dok. LG2) l-esponenti talab il-hlas tas-somma ta' €18,281 oltre' l-imghax legali rapprezentanti kera tal-fond Chez Gaetane mikri mill-intimat skond skrittura ta' lokazzjoni ta' l-1 ta' Ottubru, 2003, in kwantu ghal Euro 12,849 kera dovuta sa Dicembru 2007, Euro 2716.04 kera dovuta ghal Jannar u Frar, 2008, kif ukoll Eur 2716.04 kera dovuta ghal Marzu u April, 2008;

Illi din l-ittra ufficjali giet debitament notifikata lill-intimat fl-indirizz tal-fond imsemmi, fil-5 ta' April, 2008, u Ii l-ebda oppozizzjoni ma saret skond il-Ligi entro t-tletin gurnata minn notifika ta' l-istess;

Illi ghaldaqstant jinghad illi l-kuntratt ta' lokazzjoni illum il-gurnata huwa xolt u Ii ghalhekk jehtieg illi l-intimat jizgombra l-fond imsemmi u jirritorna c-cwievet tal-istess lill-esponenti l-fond imsemmi

Talbu lill-intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensati mis-smigh ta' l-kawza a tenur tal-Artikolu 167 / 170 ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna l-izgumbrament ta' l-intimat mill-fond Chez Gaetane, 79, fi Triq Sant'Antnin, Bugibba, San Pawl il-Bahar, fi zmien qasir u perentorju Ii jigi lilu prefis minn din il-Qorti u jikkonsenja c-cavetta u l-pussess battal ta' l-istess fond, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn Ii l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja billi naqas Ii jhallas il-kera kif minnu obbligat ai termini tal-kundizzjoni numru 6 tal-iskrittura ta' lokazzjoni, b'dan illi l-kirja giet xolta ipso

iure ai termini ta' l-istess kundizzjoni u ghalhekk illum qieghed jokkupa I-fond minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti tal-procediment;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa’ kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Semghet lill-attur il-Perit Lawrence Gatt jikkonferma bil-gurament tieghu il-fatti kollha kif esposti fir-rikors guramentat;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-atturi kif dedotta fir-rikors guramentat, u hekk tordna l-izgumbrament ta' l-intimat mill-fond Chez Gaetane, 79, fi Triq Sant'Antnin, Bugibba, San Pawl il-Bahar, fi zmien xahar mil-lum u tordna lill-intimat sabiex jikkonsenja c-cavetta u l-pussess battal ta' l-istess fond, fiz-zmien prefiss u tiddikjara illi l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja billi naqas Ii jhallas il-kera kif minnu obbligat ai termini tal-kundizzjoni numru 6 tal-iskrittura ta' lokazzjoni, b'dan illi l-kirja giet xolta ipso iure ai termini ta' l-istess kundizzjoni u ghalhekk illum qieghed jokkupa I-fond minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------